**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nico Zarb)**

**-vs-**

**Lee Jonathan Borg, detentur tal-Karta tal-Identità nru.0148884M**

***Każ Nru.: 70/2019***

Illum, 11 ta' Marzu, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Lee Jonathan Borg**, u ċioè talli:

> Bejn il-15 u s-16 t'Ottubru tas-sena 2017, minn ġewwa uffiċini bl-isem 'Wildtime', li jinsabu fi Triq Vjal ir-Rihan, fil-lokalita ta' San Ġwann, ikkommetta serq aggravat bil-ħin u bl-ammont li huwa iżjed minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);
>
> Fl-istess data, minn ġewwa l-fond **5**, 'Rose', Triq Mountbatten, Ħamrun, bla ħsieb li jisraq jew ;i jagħmel ħsara kontra l-Liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, fixkel lil Chloe Borg fil-pussess ta' ħwejjiġha.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien

xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fl-14 ta' Marzu, 2024.

Illi kien biss f'din is-seduta li l-imputazzjonijiet ġew maħlufa bil-ġurament u nbeda l-proċediment li jirrisali ghal Frar, 2019 meta ġiet prezentata ċ-ċitazzjoni.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessa.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reat li dwaru qed tinstab ħtija, tal-fedina penali tiegħu, tar-riżultanzi tal-Uffiċjal tal-Probation li jinsabu fis-*Social Enquiry Report* redatt minnu, tal-ammissjoni tiegħu li ma jistax jingħad li kienet xi waħda bikrija w taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ minn fejn jirrizulta li fiż-żmien li twettqu dawn ir-reati, l-imputat kien għadu maħkum mill-vizzju tad-droga, vizzju li llum jidher meħlus minnu. Fl-aħħar nett ma setgħax jonqos li l-Qorti tieħu in konsiderazzjoni li dawn ir-reati jirrisalu għas-sena 2017 bil-każ idum biex jibda sa' Marzu 2024.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 85, 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah għal **sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għall erba' (4) snin millum.

Inoltre in kwantu għat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex l-Qorti tapplika l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputata iħallas l-ispejjeż peritali, wara li semgħet lid-difiza tilmenta li dawk relatati mal-inkarigu tal-espert ġew ilaħħqu €3,540, il-Qorti, wara li rat li l-espert nominat mar oltre l-inkarigu tiegħu li kien dak biss li jwettaq *extraction* u mhux li jagħmel analiżi ta' dak estratt kif fil-fatt seħħ, qed tillimita l-ħlas tal-ispejjeż mill-imputat għall-ammont ta' elf ewro (€1,000) li għandhom jitħallsu fi żmien sentejn millum.

Ai termini tal-Artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation kif reż applikabbli bl-532A tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputat jagħmel kumpens lil vittma, Joseph Manduca, tal-ammont ta' tlett elef u sitt mitt ewro (€3,600) li għandhom jitħallsu fuq medda ta' tlett snin b'rata ta' €100 fix-xahar.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qed tpoġġi lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin, sabiex jkompli jiġġieled il-vizzju tad-droga u dan billi jingħata l-għajnuna psikoloġika kollha li jinħtieġ.

Kopja ta' dan l-Ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

Notifika: Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali